MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 162/2005

**Gasan Mamo Insurance Limited noe et**
**Vs**
**Raymond Cassar**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-12 ta' Jannar, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 206.79 (mitejn u sitt liri Maltin u disgħa u sebgħin ċenteżmu) rappreżentanti danni kkaġunati f'inċident stradali fil-Mosta, nhar il-21 ta' Novembru, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u disgħa u sebgħin ċenteżm) rappreżentanti danni kaġunati f'inċident awtomobilistiku tal-21 ta' Novembru, 2003 fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta bejn il-vettura bin-numru HAT 228 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru ICE 295 misjuqa minn Laura Formosa u propjeta' ta' l-assikurat

tas-soċjeta' attriċi, liema vettura kienet assikurata taħt polza comprehensive mas-soċjeta' attriċi u li għaldaqstant għamlet tajjeb għad-danni kkaġunati fuq il-vettura ta' l-assikurat tagħha, liema inċident seħħ unikament tort tal-konvenut minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu.

Interpellat sabiex iħallas permezz ta' ittra uffiċjali datata 10 ta' Novembru, 2004, il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm 175) excess imħallsa mill-assikurat tas-soċjeta' attriċi, Raymond Formosa, li kien assikurat taħt polza comprehesive mas-soċjeta' attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Novembru, 2004 u ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan l-avviż kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imgħax pagabbli mill-10 ta' Novembru, 2004 sal-ġurnata tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Raymond Cassar fejn ingħad:-

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kolliżjoni in kwistjoni ma ġratx minħabba negliġenza u traskuraġni da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-każ in eżamina jikkonsisti f'kolliżjoni li ġrat fi Triq Kongress Ewkaristiku, il-Mosta fil-21 ta' Novembru, 2003.

Mhux kontestat illi minn fejn kienet għaddeja l-vettura HAD 228 misjuqa mill-konvenut minn Triq Kungress Ewkaristiku hija triq prinċipali fil-waqt li l-vettura ICE 295 minn fejn ħarġet l-assigurata tas-soċjeta` attriċi hija

sekondarju tant li kellha “stop sign” biex tieqaf fil-kantuniera.

L-atturi jallegaw illi minn fejn ġiet il-vettura konvenuta t-triq kienet magħluqa. Id-diversi xhieda li ġew prodotti, dan ma rriżulta minn imkien.

Una volta li saret tali allegazzjoni li t-triq kienet magħluqa għat-traffiku ħlief għall-buses stava għall-atturi li jipprovaw l-istess.

Anzi mill-provi prodotti jirriżulta li tali projbizzjoni ma kienx hemm u dana sia mill-Awtorita` Dwar it-Transport ta’ Malta u sia mill-istess Kunsill Lokali. Anchor che kien hemm din il-projbizzjoni jibqa’ l-fatt illi una volta li l-assigurata tas-soċjeta` attriċi riedet toħroġ minn fuq “stop sign” kellha tieħu dawk il-prekawzjonijiet sabiex hija ma tikkostitwix ruħha ta’ periklu għal terzi persuni. Ma jistax ikun li ħarset fuq iż-żewġ naħat tat-triq u kif ħarġet il-vettura mil-lemin ħabtet fuqha. Dan huwa każ lampanti fejn minn qed jesporġi ruħu minn triq sekondarja għal triq prinċipali ma ħax il-prekazjonijiet sabiex ikun jista’ jesporġi fit-triq.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------